MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 2476/2003

**Eden Entertainment Limited**

**vs**

**Maria Isabella u Raymond konjugi Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm492.92) rappresentanti ammont bilancjali dovut ghal servizzi ta' reklamar rezi mis-socjeta attrici lill-konvenuti fuq Bay Radio.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Lulju 2003 u bl-imghaxijiet mill-31 ta' Dicembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex l-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm492.92), bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Dicembru 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------